# PATRI ĠUŻEPPI DELIA S.J. - 1990-1980

*Minn Pawlu Aquilina*

Fl-1 ta' April 2000, għaddew 100 sena mit-twelid ta' Patri Delia, Siġġiewi bħalna u li daqsna kien iħobb ħafna lil Raħal Twelidna u b'mod partikolari l-festa tal-Qaddis Patrun tagħna San Nikola. Kemm versi sbieħ kitiblu fil-ħafna poeżiji li ddedikalu, kemm tifħir li jistħoqqlu tah fil-priedki u l-paneġierki bla għadd li għamel b'ġieħu! Kemm bena ħajtu fuq l-imħabba u l-karita' lejn Alla u l-proxxmu, kif għexha San Nikola!

F'Jum il-Festa kien ikun dejjem magħna, jekk mhux bil-ġisem (għax ikun imsiefer u l-aħħar sena għax marid) kien ikun żgur bl-ispirtu tiegħu. Nhar il-festa kien dejjem jiġi jqaddes tat-8:00 a.m. u jinseġ l-isbaħ tifħir lil San Nikola. Filgħaxija, waqt il-ħruġ tal-vara kien ikun dejjem qalb ir-rassa fuq iz-zuntier, magħqud mal-poplu Siġġiewi bħalu, jistennieh ħiereġ ħalli jsellimlu "mal-banda w l-isparar", kif ħallielna miktub fil-versi sbieħ tiegħu li ma jmutu qatt!

L-isbaħ talba tiegħu lil San Nikola nsibuha f'dawn il-versi, li m'għandna ninsewhom qatt:

"..  hu dan li rridu llum, b'ħerqa nitolbu
lill-Qaddis tagħna kbir,
li lkoll kemm aħna nibqgħu ħaġa waħda,
li qalbna waħda ssir;

li nkunu ħaġa waħda f'dak li nemmnu,
li naqblu fil-fehmiet
mingħajr tilwim, mingħajr mibegħda w għira
u mingħajr ebda ġlied!

Agħmel, Nikola, li f'imħabbtek nimxu
bejnietna marbitin,
li xejn u ħadd f'din l-art, ma jkun qatt jista'
jifridna minn xulxin.

. . . . . . . . . . . . . . . . . .

Żomm idejk fuqna, biex bil-barka tiegħek
jibqa' s-Siġġiewi kbir,
u jibqa' minn kulħadd, kif kien fl-imgħoddi,
jistħoqqlu kull tifħir.

(Minn: Lil Raħal Twelidi)